**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Kumpilazzjoni Numru 251/2019**

**Pulizija**

**vs**

**Tyson Grech**
**Shamison Stafrace**

**Illum, 14 ta' Jannar, 2022**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Tyson Grech detentur tal-karta tal-identità numru 444995M, u Shamison Stafrace detentur tal-karta tal-identità numru 0212197M, li permezz taghhom gew akkuzati talli nhar l-14 ta' April 2019, ghall-habta tal-hamsa u kwart ta' filghodu, fi Triq San Gorg, fil-lokalità ta' San Giljan:

> *"1. Bil-ħsieb li jikkommettu serqa aggravata bil-'vjolenza', 'valur', 'ħin', u 'xorta tal-ħaġa misruqa', għad-detriment ta' Ferber Camille Eric Alber Victor u Giuliana Michel Camiller, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw*

*bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom:*

*Art. 41 (1) (a), 261 (a) (ċ) (f) (ġ), 262 (1) (b), 270, 276, 271 (ġ), 279, 280 (2) u 281 (b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Fil-waqt li kienu qed jagħmlu reat kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna, jew ta' serq, jew ħsara fil-propjeta', kellhom fuq il-persuna tagħhom xi arma regolari jew munizjon imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti.*

*Art. 55 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta*

*3. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' Camiller Eric Alber Victor Ferber u Michelle Camille Giuliana f'periklu ċar, ikkaġunawlhom ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħhom, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa;*

*Art. 214, 215 u 221 (3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*4. Ħebbew kontra l-persuna ta' Camiller Eric Albert Victor Ferber u Michelle Camille Giuliana sabiex jinġurjawhom, idejjquhom jew jagħmlulhom l-ħsara;*

*Art. 339 (1) (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*5. Bil-lejla, kissru il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor;*

*Art. 338 (m) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*6. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instabu fis-sakra b'mod li ma setawx jieħdu ħsieb tagħhom infushom:*

*Art. 338 (ff) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Rat li Tyson Grech fuq indikat, gie akkuzat wahdu talli:

*fl-14 ta' April, 2019 u l-jiem u l-ġimgħat ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:*

*7. Żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjoni elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma kellhu xi liċenzja;*

*Art. 5 (1) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta*

*8. Akkwista jew ġiet f'idejh xi arma tan-nar, jew munizzjoni xort'oħra milli għax kellhu liċenzja, mingħajr ma avża lill-Kummissarju, li għandu jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon għandhomx jinżammu fil-kustodja tal-Pulizija jew għand min ikun qed jirrapporta l-każ;*

*Art. 41 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta*

*9. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun ikarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixxklu waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew setgħa jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi:*

*Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat li lil Shamison Stafrace fuq indikat, gie akkuzat wahdu li fl-istess data, u fit-tliet snin ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer:

*10. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet taġ' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtopriżżazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħru mit-Tabib Prinċipali tal_Gvern skond id-sipozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtroiżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti mesmmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-droga perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Oridnanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Rat li Shamison Stafrace wahdu gie akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi:

*11. Irrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal_Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra;*

*Art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*12. Ikkommetta delitt matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, mgħotija lilu nhar is-7 ta' Marzu tas-sena 2018, mill-Qorti, Maġistrat Dr. N. Camilleri LL.D., liema sentenza saret definittiva u mma tistax tiġi mibdula.*

*Art. 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tipprojbixxi lill-imputati milli jkollhom xi licenzja skont l-Artikolu 57 tal-Att 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni finali;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Ix-xhieda mismugha minn din il-Qorti kienu s-segwenti:

**Spettur Joseph Xerri** xehed li fl-14 ta' April 2019, ghal habta tal-hamsa u kwart ta' filghodu, gie nfurmat li kien hemm persuna b'arma tan-nar gewwa Paceville. Spjega li huwa flimkien ma' ufficjali ohra tal-Pulizija, marru lejn in-naha tad-Dragonara, u sabu li xi ufficjali tal-Pulizija kienu arrestaw lil Tyson Grech. Spjega li Grech kien qed jghid li ma ghandux armi fuqu, u li kellu Bibi Gun li kien remih waqt li kien qed jigri. Kompla jghid li Grech ittiehed l-Ghassa tal-Pulizija, u minn tfittxija li saritlu, nstab li kellu seba' bullets li kienu kompatibbli ma' Bibi Gun. Spjega li fl-istqarrija rilaxxata minn Grech, dan baqa' jinsisti li ma kellux armi fuqu.

Kompla jghid li ghal habta tas-sitta u kwart ta' filghodu, waqt li l-vittmi Camille Ferbur u Michel Camilleri Juliana kienu qed jaghmlu r-rapport, dahal l-Ghassa Shamison Stafrace, u wiehed mill-vittmi nforma lill-Pulizija li Stafrace, ukoll kien ma' Tyson Grech. Spjega li Stafrace gie arrestat. Spjega li Stafrace ttiehed il-klinika u gie riferut ghall-Isptar Monte Carmeli. Spjega li Stafrace gie rilaxxat minghajr ma' gew infurmati, u ghalhekk intalab il-hrug ta' mandat ta' arrest. Spjega li fil-25 ta' April 2019, Stafrace gie l-Ghassa biex jitlob li jinghata lura l-karta tal-identità u gie nfurmat li kien qed jigi mfittex mill-Pulizija. Spjega li Stafrace rrilaxxa stqarrija fejn qal li ma kellu l-ebda arma, u li ma kinux qed jippruvaw jisirqu, izda li wara li ra glieda, kien qabad *crash helmet,* u beda jaghti lin-nies bl-addocc. Spjega li Stafrace kien qal li ghal dawn l-ahhar tliet snin, huwa kien jiehu l-kokaina, u dakinhar ha zewg linji *coke*. L-istqarrija ta' Stafrace ma gietx iffirmata minnu. Spjega li Grech u Stafrace tressqu b'arrest il-Qorti.

Ikkonferma li Stafrace kien mar l-Ghassa biex jara x'sar minnu Tyson Grech. Spjega li Stafrace kien talab l-ghajnuna medika u ttiehed il-klinika, li mbaghad irreferietu ghal Sptar Monte Carmeli. Ikkonferma li Stafrace kien gie rilaxxat mill-isptar u kien mar l-Ghassa ftit jiem wara, fejn mbaghad gie arrestat.

F'seduta ohra, l-Ispettur Xerri pprezenta vera kopja ta' erba' sentenzi mahruga, ta' Shamison Stafrace.

**PS 1320 Shaun Axiaq** spjega li huwa kien xoghol bhala Surgent l-Ghassa ta' San Giljan, nhar l-14 ta' April 2019, u ghal habta tal-hamsa u nofs gie nfurmat li kien hemm xi nies li marru jirraportaw, li kien hemm persuna li harget arma tan-nar. Spjega li hu u kollegi ohra, marru fuq il-post, u mat-triq gew infurmati li persuna kienet giet mizmuma fi Triq id-Dragonara, San Giljan. Spjega li meta wasal fuq il-post, sab membri tal-RIU u ufficjali ohra, flimkien ma' Tyson Grech immanettjat bilqeghda mal-art. Spjega li Grech gie mgharraf li kien qieghed taht arrest, u nghata s-soliti drittijiet. Spjega li aktar tard, zewg persuni barranin ghamlu rapport li gew aggrediti quddiem Havana. Spjega li dawn il-persuni sostnew li gew avvicinati minn

tliet persuni li talbuhom il-flus, u li wiehed mill-persuni hareg pistola u mbuttha lejn wicchom. Spjega li l-barranin sostnew li meta huma rrispondew li ma kellhomx flus, wiehed mill-persuni kien qal li kienu ser jehdulhom il-mutur. Spjega li dawn infurmawh li nqala' paniku u marru rraportaw lill-Pulizija li kienu fil-post, bil-konsegwenza li l-Pulizija arrestaw lil Grech meta dan telaq jigri.

Spjega li sakemm dawn il-barranin kienu qed jaghmlu r-rapport, wiehed minnhom gharaf lil Shamison Stafrace li kien gie l-Ghassa biex isaqsi ghal Tyson Grech. Spjega li PC 782 kien infurmah li waqt li kien qed jigri, Tyson Grech kien rema xi haga ghal gol-blat. Spjega li huwa mar fuq il-post, u wara tfittixija, kienet instabet magazine ta' arma. Spjega li huwa ma hux espert tal-armi, u ghalhekk ma jistax jghid jekk din hijiex arma ta' vera jew Bibi gun. Spjega li meta gie arrestat Grech, instab li kellu fuqu balal tal-hadid zghar.

Spjega li huwa qatt ma mess dan il-magazine b'idejh, u cempel lil tal-Forensika sabiex jiehdu r-ritratti u jelevawh. Ikkonferma li dan l-incident sehh il-Hadd fl-14 ta' April. Ikkonferma li huwa tela' fuq il-post peress li kien fl-Ghassa. Sostna li huwa ma ra l-ebda filmati tac-CCTVs tal-Havana.

**PC782** xehed li huwa kien stazzjonat quddiem Burger King f'Paceville, u gie nfurmat li kien hemm glieda quddiem Havana li tinvolvi l-armi. Spjega li meta marru fuq il-post, raw corma nies. Spjega li ra persuna tigri fid-direzzjoni lejn Dragonara Road, u huma telqu warajh. Spjega li waqt li kien qed jigri, din il-persuna remiet xi haga lejn id-direzzjoni tal-bahar. Spjega li gew assistiti minn karozza tal-RIU, u Tyson Grech gie arrestat. Spjega li l-oggett li ntrema, kien oggett mhux kbir ta' kulur iswed.

Ikkonferma li kien hemm argument bejn corma ta' nies. Spjega li kien hemm madwar ghaxar persuni. Spjega li meta raw persuna tigri, huma ddecidew li jitilqu jigru wara din il-persuna. Huwa kkonferma li meta ra lil Grech jarmi xi haga, kien ghadu qed ibexbex. Sostna li Triq Dragonara hija mdawwla hafna. Ikkonferma li kienu tnejn qed jigru wara Grech, u hadd minnhom ma waqaf biex jigbor dan l-oggett li ntrema.

**Duncan Veneziani** xehed li huwa Social Worker mad-Drugs Community Team mal-Agenzija Sedqa. Spjega li t-talba ta' Shamison Stafrace biex jibda program già ntlaqghet. Spjega li l-programm huwa volontarju u residenzjali maqsum fuq tliet fazijiet.

**WPC117 Silvia Zarb** xehdet li l-imputati ma ghandhomx licenzja f'isimhom relatata ma' armi.

**Spettur Leeroy Balzan Engerer** xehed li huwa gharaf id-dikjarazzjoni ta' Tyson Grech, fejn irrinunzja ghad-dritt li jikkonsulta ma' avukat, kif ukoll qed jaghraf id-dikjarazzjoni ta' Shamison Stafrace, fejn irrinunzja ghad-dritt li jikkonuslta ma' avukat. Huwa gharaf ukoll il-firem li hemm fuq l-istqarrija rilaxxata.

**WPC 369 Stephanie Cassar** xehdet li hija ghamlet xoghol ta' Scene of the Crime Officer fejn giet murija magazine ta' Bibi gun jew airgun, li gie fotografat. Spjegat li l-kollega taghha ghamlet tfittxija ghal marki ta' swaba', u dan irrizulta fin-negattiv.

In kontroezami, hija spjegat li hija hadet ritratti tal-oggett, u dan l-oggett gie mehud imbaghad, mill-kuntistabbli li kien fuq il-post. Spjegat li hi u l-kollega taghha kienu gabru dan l-oggett mill-art, u ghaddewh lill-kuntistabbli.

**PS430** xehed li fl-14 ta' April 2019, ghal habta tal-hamsa u kwart ta' filghodu, kien qieghed fejn il-Burger King, Paceville meta gie avvicinat minn zewg persuni ta' nazzjonalità barranija, li spjegaw li kienu gew avvicinati minn xi persuni li ppruvaw jisirqulhom il-mutur, u li kellhom arma tan-nar. Spjega li hu u ufficjali ohra, telqu jaraw x'kien gara, u f'daqqa wahda jaraw persuna li telqet tigri. Spjega li huwa segwa lil din il-persuna li telqet tigri minn go taxi, u ra lil din il-persuna tarmi xi haga ghal fuq il-blat. Spjega li meta din il-persuna nqabdet, huwa mar fejnu u tah l-*caution*. Spjega li staqsih x'kien rema, u dan kien wiegbu li Bibi gun kellu. Spjega li ntbaghtu ufficjali jfittxu fuq il-blat, izda dik il-parti kienet mdallma u ma nstab xejn. Ghalhekk spjega li thalla pulizija *fixed point* fuq is-sit. Spjega li dan is-sit huwa estensiv hafna, izda l-Ufficjal tal-Pulizija thalla b'tali mod li jitlob lill-persuni li jkunu gejjin ghal gos-sit biex ma jidhlux. Spjega li l-persuna li gie arrestat kien Tyson Grech, li kien ecitat hafna.

In kontroezami, huwa kkonferma li kien l-ewwel surgent fuq il-post, izda ma kienx hu li arresta lil Tyson Grech. Spjega li huwa dejjem baqa' b'harstu fuq il-persuna li kienet qed tigri. Sostna li fit-triq fejn intrema l-oggett, hemm id-dawl, izda huwa fejn twaddab l-oggett li huwa mudlam. Sostna li fejn intrema l-oggett, kien fl-istess sit fejn gie arrestat Grech. Ikkonferma li l-ufficjali tal-RIU nizlu fuqu. Spjega li Grech semma li kien Bibi gun meta huwa tah l-*caution*, u spjegalu ghalfejn kien qed jigi arrestat. Spjega li Grech baqa' prezenti sakemm ippruvaw isibu l-oggett li kien intrema, izda dak il-hin ma nstab xejn minhabba d-dlam. Sostna li l-oggett li ntrema kien ta' kulur skur. Spjega li l-oggett kien xi haga dejqa u tawwalija.

**PC 310 Wayne Buhagiar** spjega li huwa kien gie nfurmat li kien hemm persuna b'arma tan-nar fejn il-Westin Dragonara. Spjega li marru fuq il-post. Spjega li Tyson Grech kien qieghed bilqegha mal-art u huwa arrestah. Spjega li Grech kien agitat u nervuz.

In kontroezami, huwa kkonferma li kien hemm zewg vetturi tal-RIU. Spjega li huwa ma rax taxi b'ufficjali tal-Pulizija fiha. Sostna li huwa ma rax lil Grech jigri. Spjega li Grech beda jitlob biex jisparawlu. Sostna li huwa ma sema' lil hadd jaghti l-*caution* lil Grech. Spjega li Grech gie mmanettjat u mehud l-Ghassa. Spjega li quddiemu ma semax lil xi ufficjal tal-Pulizija jaghti lil Grech id-drittijiet tieghu.

**PC 313** stazzjonat mal-RIU xehed li huwa kien gie nfurmat li kien hemm xi Pulizija jigru wara persuna li ghandha arma tan-nar. Spjega li meta marru fuq il-post, huma arrestaw lil din il-persuna, u mbaghad is-surgent ha lil din il-persuna f'idejh, u taha d-drittijiet. Spjega li s-Surgent kien qed jigri wara din il-persuna. Spjega li hu u l-kollega tieghu kienu b'vettura. Ikkonferma li Tyson Grech li huwa l-persuna li giet arrestata, fl-ebda hin ma kien aggressiv. Spjega li Grech beda jghid biex jisparawlu.

In kontroezami, huwa spjega li xhin waslu, kien hemm già l-Pulizija madwar Grech. Ikkonferma li t-taxi li fiha kien hemm is-Surgent, kienet wara l-vettura taghhom. Sostna li huwa fl-ebda hin ma ra lil Grech jarmi xi haga. Ikkonferma li sema' lis-Surgent jaghti l-*caution* lil Grech. Spjega li d-diskors ta' Grech biex jisparawlu, intqal wara li nghata l-*caution*. Spjega li huwa kien libbes il-mannetti lil Grech.

**PS 850 Stephen Micallef** spjega li huwa kien xoghol gewwa l-Ghassa ta' San Giljan fejn gie nfurmat li kien hemm mandat ta' arrest fir-rigward ta' Shamison Stafrace. Spjega li fil-25 ta' April 2019, fid-disgha u kwart, Stafrace irrikorsa l-Ghassa jsaqsi ghal karta tal-identità u gie mizmum.

**PC 323 Joesam Cini** xehed li huwa kien involut fit-tfittxija li saret fl-akwati tad-Dragonara fejn il-bahar. Spjega li huwa kien qed jiccekja fid-dlam dwar oggett li ntrema, izda ma kien instab xejn. Spjega li qabel it-tfittxija, kien gie arrestat Tyson Grech.

In kontroezami, huwa spjega li dakinhar kien *night watch* mid-disgha ta' filghaxija sas-sitta ta' filghodu. Spjega li huwa kien qed ifittex dak l-oggett lejn l-ahhar tas-*shift* tieghu. Spjega li dam ifittex bejn 20 u 30 minuta.

**Il-Probation Officer Matthew Fleri Soler** xehed li t-trobbija ta' Shamison Stafrace ma kinitx wahda felici. Spjega li Stafrace ghandu problema ta' abbuz ta' droga. Spjega li dan dahal isegwi program residenzali li kien *turning point* ghal hajtu, stante li Stafrace rregistra progress kbir. Spjega li Stafrace jikkopera, izda hemm xi diffikultajiet in vista li Stafrace qieghed mizmum gewwa l-facilità korrettiva ta' Kordin.

**Paula Cassar** spjegat li hija Work Plan Co-ordinator gewwa l-habs. Spjegat li Stafrace rrizulta pozittiv ghal uzu ta' cannabis. Qed jigi segwit minn psikologista. Spjegat li hija ser tkompli ssegwi lil Stafrace sabiex jissettilja fil-habs. Spjegat li Stafrace gie riferut ghal gruppi kontra d-droga, kemm min-naha tal-habs u kemm min-naha ta' Sedqa. Gie wkoll riferut ghal program tal-isports. Spjega li Stafrace ddiskuta maghha d-diffikultajiet li qed jirriskontra biex jiltaqa' ma' ibnu li ghad ghandu sentejn. Spjegat li Stafrace nfurmaha li huwa ghandu fejn imur joqghod, u li bhala xoghol, huwa kien jahdem ta' kok.

**Ikkunsidrat:**

**Imputazzjonijiet imressqa fil-konfront ta' entrambi l-imputati**

Il-Qorti sejra fl-ewwel lok, tezamina l-ewwel, it-tielet u r-raba' akkuzi mressqa fil-konfront ta' entrambi l-imputati. Dawn l-imputazzjonijiet jirrigwardaw attentat ta' serqa aggravata a detriment ta' Ferber Camille Eric Albert Victor u Giuliana Michel Camille, kkagunar ta' griehi hfief fuq il-persuni ta' Ferber Camille Eric Albert Victor u Giuliana Michel Camille, u kontravvenzjoni ta' hebb kontra l-persuni ta' Ferber Camille Eric Albert Victor u Giuliana Michel Camille.

Il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq lil Ferber Camille Eric Albert Victor u Giuliana Michel Camille bhala xhieda f'dawn il-proceduri. Kienu dawn iz-zewg persuni li setghu jikkonfermaw bil-gurament, x'allegatament gara fid-data tal-14 ta' April 2019. Madanakollu, dawn ix-xhieda tant essenzjali, ma tressqux. Lanqas ma tressqu xi xhieda ohra okulari li kienu prezenti waqt li allegatament sehh dan l-incident. Il-Prosekuzzjoni naqset ukoll li tressaq filmat ta' CCTV li hemm quddiem l-istabbiliment tal-Havana fejn allegatament sehh l-incident. Kulma tressqu kienu

Ufficjali tal-Pulizija li nvolvew rwiehhom wara li allegatament sehh dan l-incident. Il-Prosekuzzjoni naqset ukoll li tressaq certifikati medici tal-griehi li allegatament soffrew l-allegati vittmi, kif ukoll naqset li tressaq bhala xhieda lit-tobba li kienu semmai, ezaminaw lill-allegati vittmi wara li sehh dan l-allegat incident.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ma ghandhiex quddiemha provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet imressqa fir-rigward ta' l-imputati. Qieghda ghalhekk tillibera liz-zewg imputati minn kull kundanna u htija mill-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tqies li ghal darb' ohra, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Il-persuni li allegatament setghu jixhdu dwar din l-arma regolari jew munizjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oggetti li allegatament intuzat waqt li l-imputati kienu qed jaghmlu reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna jew ta' serq jew hsara fil-proprjetà, ma tressqux biex jixhdu. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni lanqas ma giet ippruvata.

Dwar il-hames imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni lanqas ma ressqet provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li nkiser il-mistieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor. Dwar kif din l-imputazzjoni tallacja ma' Shamison Stafrace, il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi. L-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu, lanqas biss raw lil Shamison Stafrace li gie biss arrestat mill-Prosekuzzjoni fi stadju iktar tard, meta kien hu stess li mar l-Ghassa biex ikellem lil Tyson Grech, u kien f'dak il-mument li allegatament wiehed mill-vittmi li nzerta kien l-Ghassa tal-Pulizija, gharaf lil Shamison Stafrace. Ghalhekk, din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata fir-rigward ta' Shamison Stafrace. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni fil-konfront ta' Tyson Grech, ghal darb' ohra ma tressqux provi li Tyson Grech kien hati li kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat jew hsejjes. Il-maggor parti tax-xhieda spjegaw, li meta resqu fejn kien hemm bhal kommossjoni, raw ragel jigri 'l hemm, u ghalhekk huma bdew isegwuh u jitolbu ghal ghajnuna. Madanakollu, hadd ma xehed li Tyson Grech kien qed jghajjat jew jaghmel xi hsejjes li bihom kien qed ikisser il-mistrieh tan-nies. Inoltre, il-Qorti tinnota wkoll li l-post fejn allegatament sehh dan l-incident, huwa gewwa Paceville, li huwa post minnu nnifsu li jkisser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes u ghajjat gejjin mid-diversi stabbilimenti, u mill-persuni li jiffrekwentahom. Ghalhekk, din l-imputazzjoni lanqas ma giet ippruvata fir-rigward ta' Tyson Grech.

Dwar is-sitt imputazzjoni, lanqas ma tresqu provi mill-Prosekuzzjoni. Fl-ebda hin ma rrizultaw li Tyson Grech u Shamison Stafrace kienu fis-sakra. Fl-istqarrija huwa minnu li entrambi sostnew li kienu hadu xi xorb alkoholiku, izda ma tressqux provi

li kienu f'sakra b'mod li ma setghux jiehdu hsieb taghhom infushom. Ghaldaqstant, l-imputati sejrin jigu lliberati minn din l-imputazzjoni wkoll.

**Imputazzjonijiet imressqa kontra Tyson Grech wahdu**

Il-Qorti sejra issa tqis is-seba', it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet imressqa kontra Tyson Grech.

Dwar is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet, din il-Qorti tqies li dawn jirrigwardaw l-arma tan-nar jew munizzjon, li allegatament kellu fil-pussess tieghu, Tyson Grech fl-14 ta' April 2019, u l-jiem u l-gimghat ta' qabel. Kulma ghandha quddiemha din il-Qorti, hija xhieda ta' xi Ufficjali tal-Pulizija li qalu li raw lil Tyson Grech jarmi xi haga ta' kulur skur jew ta' kulur iswed. Il-Qorti ghandha wkoll quddiemha xhieda, li wara tfittxija intensiva tal-inhawi fejn intrema l-oggett, instab speci ta' *magazine* ta' arma. Madanakollu, hadd mix-xhieda prodotta (i) ma seta' jikkonferma li kien proprju dak l-oggett li nstab li kien l-oggett li allegatament rema Tyson Grech u (ii) ma' seta' jikkonferma x'inhu dan l-oggett li nstab, fis-sens jekk huwiex ta' *magazine* ta' pistola jew ta' Bibi gun. Jigi nnotat li meta saret it-tfittxija f'dawn l-inhawi fil-prezenza ta' Tyson Grech, lanqas ma nstab xejn mill-Ufficjali tal-Pulizija, u kien biss meta saru tentattivi ohra sussegwenti aktar tard filghodu, li nstab dan l-oggett. In oltre, lanqas biss instabu impronti digitali tal-imputat fuq dan l-oggett misjub u ezebit bhala Dok XJ2.

Ma tressaq l-ebda espert biex ikun jista' jikkonferma dan l-oggett li nstab u li gie ezebit f'din il-kawza bhala Dok XJ2, huwiex *magazine* ta' arma jew semplici *magazine* ta' gugarell. Instabu wkoll xi *bullets* fuq il-persuna ta' Tyson Grech ezebiti bhala Dok XJ1, izda ghal darb' ohra, lanqas ma tressqu provi dwar x'inhuma dawn l-allegati *bullets*. Ma tressaq l-ebda espert tal-ballistika biex il-Prosekuzzjoni tkun tista' tixhet dawl fuq l-entità ta' Dok XJ1 u Dok XJ2. Il-Qorti hija ghalhekk, nieqsa minn prova forensika sabiex tistabilixxi jekk l-oggett Dok XJ2 huwiex *magazine* ta' arma tan-nar, jew xi imitazzjoni ta' arma tan-nar, u jekk l-oggetti Dok XJ1, humiex verament munizzjon.

Dwar id-disa' imputazzjoni, din il-Qorti tqis li lanqas din ma tirrizulta. Ix-xhieda li maru fuq il-post, ilkoll sostnew li raw persuna tigri minn fejn kien hemm corma nies, u ghalhekk uhud minnhom qaghdu hemmhekk, u ohrajn telqu ghal wara r-ragel li kien qed jigri. Madanakollu, hadd mix-xhieda ma xehed li dan ir-ragel inghata xi struzzjonijiet biex jieqaf. Irrizulta wkoll li l-imputat f'certu punt, gie mdawwar bil-Pulizija, u li huwa kkopera, u ghalkemm kien anzjuz, obda l-ordnijiet li tawh il-

Pulizija. Anke l-istess imputat fl-istqarrija tieghu, ikkonferma li huwa telaq, jigri in vista tal-kommossjoni li kien hemm, u li meta nduna li kien qed jigi segwit minn Ufficjali tal-Pulizija, huwa waqaf u halla lill-Ufficjali tal-Pulizija, jkomplu bix-xoghol taghhom.

**Imputazzjonijiet maghmula fil-konfront ta' Shamison Stafrace**

Dwar l-ghaxar imputazzjoni, il-Qorti tqies li ma tressqet l-ebda prova li nstabet xi droga fuq il-persuna tal-imputat Stafrace. Provi li fl-allegat hin tal-incident, l-imputat kien pozittiv ghal xi sustanza illecita, lanqas ma tressqet. Kulma pprezentat il-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward, kienet l-istqarrija mhux iffirmata ta' Stafrace, li fiha jsostni li jista' jkun li dakinhar *"jista' jkun li hadt xi tnejn coke, ma nafx imma."* Fl-istess stqarrija, l-imputat ikompli jghid li *"m'iniex cert, ma nafx, jien ma jidhirlix li hadt."*.

Irrizulta mill-istqarrija, li l-imputat stqarr li huwa jbati mill-vizzju ta' droga, u ilu jiehu l-kokaina ghal madwar tliet snin. Li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' drogi jirrizulta wkoll mix-xhieda moghtija mill-Probation Officer, Matthew Fleri Soler u minn Paula Cassar, li hija l-*Work Plan Co-ordinator* gewwa l-Facilità Korrettiva ta' Kordin.

Madanakollu, din il-Qorti tqies li l-valur probatorju ta' din l-istqarrija, ma huwiex tali li jwassal lil din il-Qorti ghal konvinciment lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li din l-imputazzjoni giet ippruvata. Din l-istqarrija, ghalkemm giet rilaxxjata mill-imputat, ma gietx iffirmata minnu. F'ghajnejn din il-Qorti, li kieku din l-istqarrija giet iffirmata mill-imputat, din l-imputazzjoni kienet tigi deciza li giet ippruvata. Izda fin-nuqqas tal-iffirmar ta' din l-istqarrija, din il-Qorti ma tqisx li l-imputat aderixxa u qabel ma' dak li hemm kontenut f'din l-istqarrija. Gialadarba ghalhekk, l-unika prova li tressqet mill-Prosekuzzjoni in konnessjoni ma' din l-imputazzjoni, kienet din l-istqarrija mhux iffirmata, din il-Qorti sejra ssib lill-imputat mhux hati ta' din l-imputazzjoni.

Dwar il-hdax u t-tnax-il imputazzjoni, il-Qorti tqis li stante li l-imputat sejjer jigi liberat mill-akkuzi kollha, il-hdax u t-tnax-il imputazzjoni lanqas ma jirrizultaw. In oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-Qorti tqis ukoll li jidher li fis-sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni, jirrizultaw il-konnotati tal-imputat Stafrace. Irrizulta wkoll li s-sentenzi ezebiti huma vera kopja. Madanakollu, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova jekk dawn is-sentenzi humiex *res judicata.* Lanqas ma tressqu provi ohra dwar l-identità tal-persuna li giet ikkundannata fl-

imsemmija sentenzi. Lanqas ma tressqu bhala xhieda quddiem din il-Qorti, l-Ufficjali Prosekuturi f'dawk il-proceduri fuq indikati. Ghaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab hati li huwa recidiv, kif ukoll lanqas jista' jinstab hati tat-tnax-il imputazzjoni.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi tillibera minn kull kundanna u htija, lil Tyson Grech u lil Shamison Stafrace mill-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront taghhom, kemm b'mod individwali, kif ukoll b'mod kongunt.**

**Dr Simone Grech LL.D.**
**Magistrat**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**